MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru 1051/2013

Il-Pulizija

(Spetturi Silvio Magro u Sandro Millo)

vs

Jose Molita Bosembo

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat detentur ta' passaport Congolese numru 0B0091963 akkuzat talli fit-21 ta' Ottubru 2013 f'dawn il-Gzejjer:

- b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' Rosario Carabott mill-Marsa u/jew persuni ohra, liema hsara hija aktar minn Euro 2329.37 u persuni ohra;

- fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bi hsara ta' haddiehor u cioe' Rosario Carabott mill-Marsa u/jew persuni ohra, ghamel qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Euro 2329.37;
- f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Ottubru 2013, ghal habta tat-3.00am, fil-port ta' malta, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien igorr mieghu l-ammont ta' Euro 10,750 jew izjed fil-flus kontanti filwaqt li huwa kien hiereg minn Malta – bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 49 tal-2007 (Regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att Dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija tieghu jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

Ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrispekkja l-imputazzjonijiet riportati kontra l-imputat fic-citazzjoni. Jittrattaw il-frodi b'ghemil qarrieqi, komunement maghrufa bhala truffa, l-frodi innominat u l-aggravju fil-frodi f'kas ta' hsara 'l fuq minn Euro 2,329.37. Hemm ukoll l-akkuza tal-garr ta' a mmo nt ta' flus ta' aktar minn dak konsentit fil-waqt ta' hrug mill-pajjiz;

Dwar din l-ahhar akkuza l-provi ma jhallu ebda dubbju fir-rigward ir-reita'. Anka jekk f'ammont mimimu jinsab pjenament pruvat li l-imputat instab wara li ghadda mill-kontrolli doganali ammont fi flus ta' Euro 750 'l fuq minn dak konsentit ta' Euro 10,000;

Dwar it-truffa u l-frodi innominat ghandu jirrisulta wisq car li hawnkekk huwa kaz ta' truffa. Il-ligi stess fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tghid bl-liema mezzi t-truffa ssehh. Tipprovdi li jkun hati ta' dan ir-reat, kull min jghamel uzu ta' ismijiet foloz, kull min jaghmel uzu ta' kwalifiki foloz, kull min jinqeda b'ingann billi juri haga b'ohra sabiex igeghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew igeghel titwemmen xi hila jew setgha fuq haddiehor, jew igeghel titwemmen l-esisitenza ta' krediti immaginarji, jew iqanqal tama jew biza ta' xi grajja kimerika. F'kull wahda mix-xenarji imsemmija hemm it-truffa jekk jirrisulta l-qligh bi hsara ta' haddiehor. Fil-kaz in disamina l-imputat flimkien ma' zewg persuni ohra (li wiehed minnhom baqa' mhux maghruf) spaccaw ruhhom ta' negozjanti ta' deheb u permezz ta' artificji u raggiri – l-'mise en scene' – inngannaw it-terz danneggjat billi indicewh jixtri deheb li rrisulta mi ma' kienx deheb izda compost minn materjal ta' valur intrinsikament fqir. Mill-provi in atti tirrizulta l-'mise en scene' u t-telf patrimonjali ghad-danneggjat bil konsegwenti qligh ghall-imputat u l-awruri l-ohra mieghu. Jirrisulta li l-qligh ghalihom kien ta' Euro 75,000 bil-wisq superjuri ghal Euro 2,329.37 anka meta kkunsidrat il ftit grammi deheb genwin

li ntuzaw biex hajru u jinngannaw lid-danneggjat. Fil-fehma tal-Qorti xejn m'ghandu rilevanza li d-danneggjat kien fil-mestier anzi kien proprju minhabba f'hekk li l-imputat u siehbu nqabdu huma u hergin mis-Sea Terminal xi sieghat biss wara li kienu wettqu l-ingann.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza. Tilliberah mit-tieni. Rat l-Artikolu 308, u 310(a) tal-Kap 9 u r-regolament 3(1)(2)(3)(4)(5) tal-Avviz Legali 149/2007.

Tikkundannah sentejn u sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 2500. Tordna li l-ammont ta' Euro 750 jigu konfiskati favur il-Gvern. Tordna wkoll wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap 9 il-konfiska tal-flus u t-telefons cellular depositati fl-atti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------